**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 31 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 82/18/3 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-20 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali fl-ismijiet premessi, liema proceduri jinsabu differiti ghall-25 ta' Ottubru, 2018.

2. Illi l-esponenti jitlob il-waqfien tal-komunjjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi mhu se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-attrici, fl-eventwalita' li tintlaqa' t-talba.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-risposta tal-intimata li eccepiet:-

1.Illi permezz tar-rikors tieghu dtaat 20 ta' Gunju, 2018, l-intimat qed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16.

2.Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni ghal istess talba.

3.Ghar-ragunijieti premessi t-talba ghandha tigi milqugha.

**Il-Fatti**

Il-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u r-rikorrent qed jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li mhux se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-attrici, fl-eventwalita' li tigi milqugha t-talba. Ir-rikorrenti mhux qed topponi ghal dan ix-xoljiment.

**Konsiderazzjonijiet**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri " "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq

min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex taghti interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat.*" Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

Gialadarba l-intimata mhux qed topponi ghat-talba tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, dan ifisser li hi tal-fehma li l-istess xoljiment mhux ser jikkagunalha ebda *pregudizzju spropozjonat.*

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi provi li jistghu jwasslu ghall-inapplikabbilita' tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll minhabba li l-istess intimata, fil-kawza ta' separazzjoni qablet li ghandha tigi x-xolta l-komunjoni tal-akkwisti, dina l-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 Ligijiet ta' Malta b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet f'partijiet indaqs.

**Imhallef**

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

**Deputat Registratur**